*Revoka ta' Mandat ta' Sekwestru*

*Art 836(1)(a)(d) u (f) tal-Kap 12.*

*Mandat mhux segwit b'kawza*

*Penali - Art 836(8)(b) u (d) tal- Kap 12.*

*Danni -Art 843(2) tal-Kap 12.*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Dicembru 2016**

**Kawza Numru : 22**
**Rikors Revoka Numru : 968/2016/LSO**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1308/2016 fl-ismijiet :**

**Josephine sive Joyce Dimech K.I 379262(M)**

**vs**

**Pasqualino sive Lino Chircop K.I. 352865(M) u martu Anna Chircop K.I. 292666(M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Anna Chircop (379262M) ghat-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1308/16[1] u ghall-Hlas tal-Penali, Danni u Imghaxijiet datat 28 ta' Ottubru 2014 fejn esponiet: -

1. Bil-mandat fl-ismijiet premessi, fuq talba tal-attrici, din il-Qorti ssekwestrat is-somma ta' €400,000 kontra l-esponenti Anna Chircop *"in kawtela ta' pretensjonijiet vantati fil-kawza fl-ismijiet Josephine sive Joyce Dimech vs Pasqualino sive Lino Chircop – Rik gur. 267/2016 LSO – valur ai fini tal-mandat biss."*[2]

2. L-esponenti tigi l-mara tas-sekwestrat Lino Chircop, li jigi hu s-sekwestranti Joyce Dimech. L-esponenti ghalhekk ma tigi xejn mis-sekwestranti.

3. Il-pretensjoni tas-sekwestranti tirrigwardja sehem li hija tippretendi li ghandha mill-wirt ta' missierha Victor

---

[1] Dokument SK1: Mandat ta' Sekwestru numru 943/16 fl-ismijiet *Josephine sive Joyce Dimech – 379262(M) vs Pasqualino sive Lino Chircop – 352865(M).*
[2] Kawzali dikjarata fis-sekwestru.

Chircop, missier ir-ragel tal-esponenti Lino Chircop. L-esponenti ma ghandha x'taqsam xejn ma' dan il-wirt.

4. Is-sekwestranti mkien ma' uriet li l-esponenti ghandha xi jedd fuq il-wirt ta' Victor Chircop, jew li hija b'xi mod beneficcjarja tal-gid tieghu. L-esponenti qatt ma rceviet xejn b'donazzjoni minghand Victor Chircop.

5. Minkejja li r-rikorrenti talbet il-hrug ta' dan il-mandat, kontra l-esponenti wkoll, fid-9 ta' Settembru 2016 (tlett ijiem biss wara l-mewt ta' missierha Victor Chircop), sal-lum din ma pprocediet b'ebda kawza kontra l-esponenti dwar il-pretensjoni mressqa minnha fil-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi.

6. L-esponenti ghalhekk jidhrilha li l-mandat fl-ismijiet **Josephine *sive* Joyce Dimech vs Pasqualino *sive* Lino Chircop (Sekwestru Nru 1308/16)** ghandu jigi revokat *ai termini* tal-**Artikolu 836(1)(a),(d)** u **(f)** billi:

(a) dan il-mandat m'ghadux fis-sehh, fit-termini tal-**art. 843(2)** tal-Kap. 12 billi r-rikorrenti naqset li tipprezenta l-kawza fiz-zmien li trid il-ligi (Art. 836(1)(a));

(b) il-pretensjonijiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti mhumiex *prima facie* gustifikati (Art. 836(1)(d)); u

(c) f'kull kaz mhuwiex ragonevoli li s-sekwestru jinzamm fis-sehh ghal kollox jew in parti u lanqas ma huwa mehtieg jew gustifikabbli. (Art. 836(1)(f)).

7. Kif gja inghad, ir-rikorrenti naqset li tintavola kawza ghad-determinazzjoni fil-mertu tal-pretensjoni taghha kontra l-esponenti **fiz-zmien ta' 20 jum kif trid il-ligi**, u ghalhekk l-effetti ta' dan il-mandat spiccaw, u r-rikorrenti hija responsabbli ghad-danni u l-imghaxijiet fil-konfront tal-esponenti.

8. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, kwalsiasi pretensjoni li r-rikorrenti jista' ghandha kontra r-ragel tal-esponenti Pasqualino sive Lino Chircop, hija *res inter alios acta* ghall-esponenti Anna Chircop ghaliex tista' tirrigwardja biss gid parafernali tal-istess Lino Chircop li l-esponenti mhix kompartecipi fih, u ma ghandha ebda jedd fuqu.

9. Fic-cirkostanzi ghalhekk, kien ghal kollox malizzjuz u vessatorju l-agir tar-rikorrenti in kwantu talbet u ottjeniet dan il-mandat ta' sekwestru kontra l-esponenti, ghas-somma ingenti ta' €400,000, meta kienet taf tajjeb li ma ghandha ebda jedd u ma tista' tressaq ebda pretensjoni gustifikabbli kontra l-esponenti.

B'effett ta' dan il-mandat, gew depozitati s-segwenti flejjes tal-esponenti :

Cedola ta' Depozitu numru 1513/16 (BOV) - **€229,823.66**

Cedola ta' Depozitu numru 1511/16 (APS) - **€318,981.85**

Biex saru dawn id-depoziti, l-esponenti inkorriet spejjez legali sostanzjali, kif jirrizulta mill-korp tal-istess cedoli (Dok. SK2).

***Penali, Danni u Imghaxijiet***

10. Ghar-ragunijiet spjegati, huwa car li l-uniku skop tal-attrici filli talbet il-hrug ta' dan il-mandat huwa biex taghmel hsara lill-esponenti, u lil zewgha. Hija taf tajjeb li l-esponenti ma ghandha x'taqsam xejn fil-kwistjoni tal-wirt li ghandha ma' huha. Evidentement, l-uniku skop taghha kien li ssallab lil huha, u lill-esponenti, forsi jcedulha dak li m'ghandhiex jedd ghalih.

11. Oltre li m'ghamlitx il-kawza kontra l-esponenti fiz-zmien li trid il-ligi, l-attrici qatt ma nterpellatha qabel ipprocediet bil-mandat, u fil-verita' xejn ma kien jinteressaha x'setghet twiegeb. Kulma kien jinteressaha kien li twegga' u taghmel hsara lil huha.

12. Konsegwentement, hemm lok sabiex *ai termini* tal-**artikolu 843(2) u 836(8)(b)** u **(d)** tal-Kap. 12, din il-Qorti tikkundanna lill-attrici sekwestranti thallas penali, danni u imghaxijiet lill-esponenti ghaliex (i) naqset li tipprezenta l-kawza kontra l-esponenti fiz-zmien li trid il-ligi; (ii) naqset li tinterpella lill-esponenti fit-terminu ta' hmistax-il jum qabel gie intavolat il-mandat kif tistabbilixxi l-ligi, u (iii) it-talba taghha ghall-hrug tal-mandat fic-cirkostanzi fuq spjegati saret b'malizzja u hija wkoll wahda frivola u vessatorja.

13. Il-gurisprudenza tal-qrati taghna f'materja ta' abbuz tad-dritt procedurali ghal hrug ta' mandat kawtelatorju kienet esposta u abbraccjata fil-provvediment wara t-talba ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet **Pauline Vassallo vs The Eden Foundation et**:

*"Il-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jitbiddel f'abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m'ghandhiex ragun. Kien ghalhekk ukoll li fil-qafas ta' kwistjoni ta' din l-ghamla, il-Qrati taghna, minn zmien ghal zmien, fissru l-limiti u c-cirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun sehh abbuz mill-process gudizzjarju bi hsara ghal haddiehor … l-abbuz tal-process gudizzjarju "jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' (Emanuele Calleja (vs) Carmelo Grima - Kollez. VoL XXXIX.1.24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza ("Agius (vs) Dott. Carbone nomine" – Kollez. Vol. XIII.434), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio … ("Mugliette (vs) Bezzina" - Kollez. Vol. XXVI.1.405) … l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:- "Il diritto cessa dove comincia 'abbuso ... ... riteniamo che basta, per protteggere tutti I'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che*

*provocano i bisogni della societa: di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti"*.[3]

**Talba**

14. Ghar-ragunijiet kollha fuq spjegati, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha **b'urgenza**:

(i) tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi in kwantu dirett kontra l-esponenti;

(ii) tordna r-rilaxx favur l-esponenti tal-flus kollha taghha depozitati fl-atti ta' dan il-mandat;

(iii) tikkundanna lis-sekwestranti thallas lill-esponenti dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti *in linea* ta' penali, danni u imghaxijiet kif mahsub fl-artikolu 836(8), 836(9) u 843(2) tal-Kap 12.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti hekk presjeduta tat-28 ta' Ottubru 2016 (fol 13) fejn il-Qorti ordnat n-notifika lill-kontro parti li permezz ta' nota fi zmien sebat ijiem min-nofitika tal-istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jintlaqghu; u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Novembru 2016 fl-10:00am.

Rat **ir-risposta** ta' **Josephine sive Joyce Dimech [K.I. 379262(M)]** ghar-rikors ta' Anna Chircop [K.I. 292666(M)]

[3] Prim'Awla, 3.4.2008

ipprezentat nhar it-28 ta' Ottubru 2016 **ghat-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1308/16** u ghall-Hlas tal-Penali, Danni u Imghaxijiet datata 14 ta’ Novembru 2016 fejn esponiet :

1. Illi l-esponenti topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors ipprezentat minnha nhar it-28 ta' Ottubru 2016 ghal diversi ragunijiet;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, li kieku r-rikorrent ghamlet talba sabiex il-flejjes maqbuda lilha u lil zewgha u depozitati fir-Registru tal-Qorti bis-sahha tal-mandati ta' sekwestru numru 943/16 u 1308/16 in eccess tal-ammont komplessiv ta' €500,000 (l-ammont kawtelat bis-sahha tal-mandati) jigu rilaxxati lilha, l-esponenti ma kien ikollha l-ebda diffikolta` li taqbel ma’ dan u hija disposta li taghmel dan ghaliex dan huwa legalment korrett. Lanqas ma kienet issib diffikolta` l-esponenti li tirtira dan il-mandat fejn jolqot lir-rikorrenti Anna Chircop li kieku dak li giet depozitat mis-sekwestratarji u li hi tishaq huma flejjes zewgha kienu fil-fatt jammontaw ghas-somma komplessiva ta' €500,000;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-aggravvji mqajma mir-rikorrent in sostenn tat-talba taghha ghar-revoka ta' dan il-mandat huma privi minn kull fundament guridiku u fattwali;

4. Illi bir-rispett jigi rilevat li l-istess argumenti li r-rikorrenti qed iggib f’dan ir-rikors huma l-istess argumenti li ressqet

quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1309/2016 JZM u li gew michuda mill-istess Qorti fid-digriet taghha fejn laqat b'mod definittiv it-talba tal-esponenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konjugi Chircop; [Kopja tar-risposta tal-konjugi Chircop fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1309/2016 JZM annessa u mmarkata Dok JD1];

5. Illi jigi rilevat li kif ammess mir-rikorrenti, hija tigi l-mara ta' Pasqualino Chircop. Galdarba huma mizzewga Malta u fin-nuqqas ta' prova kontrarja ghandu jigi prezunt li bejnha u bejn zewgha huwa applikabbli r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti. F'dan is-sens issir referenza ghall-Artikolu 1320 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandha rilevanza fid-dawl tar-risposta mressqa mill-esponenti ghar-rikorsi numru 966/2016 LSO u 967/2016 LSO maghmula minn Pasqualino Chircop;

6. Illi inoltre l-esponenti taf ben tajjeb li taht il-ligi nostrana ma hemmx htiega li kawza tigi pprezentata kontra z-zewg konjugi u sentenza kontra wiehed mill-konjugi tolqot il-komunjoni ta' l-akkwisti suggett ghad-drittijiet ta' rivalsa tal-konjugi kontra l-konjugi l-iehor fejn id-debitu ma jkunx wiehed tal-komunjoni. Li wiehed jistenna huwa li r-rikorrenti Anna Chircop tispjega l-provenjenza tal-fondi li gew depozitati fir-Registru ta' din il-Qorti meta hija personalment ma ghandhiex impjieg. Huwa ben car li tali flejjes ghalkemm f’ kont f’ isimha huma ukoll ta' zewgha u li l-provenjenza taghhom hija mill-proprjeta` moghtija b'donazzjoni li zewgha mid-*decuius*. Attentat pwerili minn

zewgha Pasqualino Chircop sabiex minghalih jevita li jinqabdu flusu billi qeghdhom f' kont f'isem il-mara tieghu. Jekk dan ma huwiex il-kaz jispetta lil Anna Chircop iggib prova sabiex ixxejjen il-prezunzjoni kontenuti fl-Art 1321 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi anke s-sottomissjonijiet ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni da parti tar-rikorrent ta' vessatorjeta u malizzja huma bla bazi. L-esponenti ghamlet il-mandati *de quo* meta hija giet infurmata li Pasqualino Chircop kien qieghed jipprova jizvesti ruhu mill-assi tieghu sabiex jeludi kwalunkwe cans ta' esekuzzjoni f' kaz ta' ezitu favorevoli ghall-esponenti. Ghal darb'ohra l-esponenti tiddikjara li ma ghandha l-ebda diffikulta` li tati l-kunsens taghha ghar-rilaxx ta' dawk il-flejjes in eccess ta' hames mitt elf ewro (€500,000) depozitati mis-sekwestratarji fl-atti tal-mandati in kwistjoni u li s-sekwestratarji jigu notifikati li ma hemmx htiega li jiddepozitaw flejjes ohra izda certament ma taqbilx li l-mandati *de quo* jigu revokati fl-intier taghhom b'dan li r-rikorrenti Pasqualino Chircop u Anna Chircop jkunu jistghu jizbankaw ukoll is-somma ta' hames mitt elf ewro (€500,000) kawtelata permezz tal-mandati ta' sekwestru *de quo*.

8. Illi finalment t-talba ghal hlas ta' danni u penali mressqa mir-rikorrenti Anna Chircop ghandha tigi michuda, fl-ewwel lok ghaliex hija nfondati kif ser jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri u fit-tieni lok ir-rikorrent fir-rikors tieghu imkien ma indika x'inhuma d-danni li tilmenta minnhom;

Tant ghandha x'tissottometti f' dan l-istadju l-esponenti ghas-savvju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti b'rizerva li taghmel sottomissjonijiet ulterjuri u tressaq dokumenti ohra jekk ikun il-kaz waqt l-udjenza skedata b'rabta mar-rikors *de quo*;

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis 17 ta' Novembru 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Pawlu Lia ghar-rikorrent prezenti u Dr Franco Galea ghall-intimata prezenti. Id-difensuri qablu li x-xhieda mghotija fir-rikors Nru 18 (Cit Nru 96/2016/lso) fuq il-lista tal-lum tghodd ukoll ghal dan ir-rikors, u kif ukoll ghall-kawzi, li huma pendenti quddiem din il-Qorti fl-istess ismijiet. Xehdet bil-gurament taghha l-intimata ezekutanti Josephine *sive* Joyce Dimech, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet ghas-6 ta' Dicembru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi dan hu rikors ipprezentat minn mart Pasqualino Chircop, u cjoe` Anna Chircop ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 1308/2016 li nhareg fuq talba tal-intimata ezekutanti Josephine sive Joyce Dimech in kawtela tal-pretensjonijiet vantati minnha fil-kaz 867/2016/LSO fl-ismijiet ***"Josephine sive Joyce Dimech vs Pasqualino***

***sive Lino Chircop***" ghal sehemha mill-wirt ta' Victor Chircop li jigi missierha u missier Pasqualino Chircop.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti qed titlob it-thassir fis-shih tal-mandat ta' sekwestru premess billi tissottometti li hi la hi donatarja u lanqas werrieta tad-decujus Victor Chircop. Gie rilevat li ghalkemm l-intimata pprocediet b'dan il-mandat kontriha u kontra zewgha dan baqa' ma giex segwit b'kawza fil-konfront tar-rikorrenti billi l-kawza premessa giet istitwita kontra zewgha wahdu.

**Digriet moghti llum stess ghall-Hrug ta' Kontro-Mandat ghall-Mandat 1308/16 (Rik. ghar-Revoka 967/16 LSO)**

Illi b'Digriet tallum stess din il-Qorti laqghet it-talba ta' Pasqualino sive Lino Chircop u ordnat it-thassir tal-mandat mertu ta' dawn il-proceduri kif ukoll u konsegwentement ordnat ir-rilaxx tal-flus kollha depozitati fl-atti tal-istess mandat ta' sekwestru.

Huwa minnu li dak id-digriet inghata fuq konsiderazzjoni u applikazzjoni tal-**artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta li mhuwiex invokat fir-rikors hawn in ezami. Madanakollu l-effett huwa l-istess billi l-mandat premess m'ghadux *in vigore*.

Illi izda billi r-rikorrenti odjerna ma kienetx parti mir-rikors 967/16LSO din il-Qorti xorta ser tittratta r-rikors odjern ukoll minhabba t-talbiet imressqa ghall-kundanna tal-hlas ta' penali u danni.

Illi r-rikorrenti qed titlob it-thassir tal-mandat abbazi tal-**artikolu 836(1)(a)(d) u (f) tal-Kap 12** u cioe` jekk:

*(a) li l-att kawtelatorju m'ghadux aktar fis-sehh;*
*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv; jew*
*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatroju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

**Principji Generali Applikabbli**

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed 'prima facie' u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP 7 ta' Frar 2001 (**"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd."**).

Illi ghandu jinghad ukoll li dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduti ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu dwaru. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (Ara Kumm. GMA 23 ta' Gunju 1994: "**Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et"**). Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt

ghal azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sotantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina is-subartikoli citati mir-rikorrent fid-dawl tal-fatti li ghandha quddiemha.

**L-artikolu 836(1)(a)**

Riferibbilment ghal dan is-subinciz, gie sottomess mir-rikorrenti li l-intimata sekwestranti naqset milli tipprezenta kawza kontriha fiz-zmien statutorju (artikolu 843 (1) tal-Kap 12). Ghalhekk, qed jigi sottomess, li *ai termini* tal-artikolu **843(2) tal-Kap 12**, dan il-mandat m'ghadux fis-sehh.

Illi mhuwiex ikkontestat li l-intimata pprocediet b'kawza kontra huha, Lino Chircop wahdu. Hi ssottomettiet li t-talbiet taghha huma marbuta mal-wirt tad-defunt Victor Chircop fejn ghalhekk, il-legittimu kontradittur huwa l-werriet/donatarju. Madanakollu gie ammess minnha li hi qed tippretendi l-frottijiet u l-imghaxijiet fuq l-oggetti soggetti ghall-kollazzjoni, li allura, jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn ir-rikorrenti odjerna u zewgha.

Ikkonsidrat li jekk rikorrent li jkun ottjena l-hrug ta' mandat kawtelatorju ma jsegwihx b'kawza fiz-zmien stipulat,

jikkonsegwi li l-effetti tal-mandat jieqfu (art 843(2)) u japplika l-artikolu 836(1)(a) invokat minn Anna Chircop.

Ikkonsidrat li l-legislatur jissanzjona tali nuqqas mhux biss bil-provediment ghar-revoka, li jista' jigi dekretat anke kameralment minghajr il-htiega tan-notifika lill-kontroparti (art 836(3) tal-Kap 12,) imma anke b'rimedji ghall-penali (art 836(8)(a) tal-Kap 12) u ghad-danni (art 836(9)) kif interpretat mill-qrati taghna u art 843(2) tal-Kap 12.

Illi r-rikorrenti ghazlet li tipprocedi ghad-danni fuq din il-kawzali skont l-artikolu 843(2) li jiddisponi: li *"Jekk ir-rikorrent jonqos milli jagħmel il-kawża mingħajr raġuni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli għad-danni u l-imgħaxijiet kollha."*

Illi jirrizulta li l-artikolu 843(1) jimponi obbligu fuq l-ezekutant sabiex jaghmel il-kawza ghall-*jedd imsemmi fil-mandat" entro* t-terminu statutorju minghajr ma jsemmi l-persuna milquta fiz-zewg proceduri. Fil-maggoranza tal-kazi l-kawza ssir bl-istess okkju bhall-mandat. Izda fil-kaz odjern din il-Qorti tinnota li jista ' jinghad li l-kawza giet istitwita proprju fuq *il-jedd imsemmi fil-mandat* (is-sehem ereditarju) izda l-okkju mhuwiex l-istess billi Anna Chircop mhix konvenuta fil-proceduri kontenzjuzi fuq il-mertu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-legislatur irid li min jitlob il-hrug ta' mandat kontra persuna jrid isegwiha bi proceduri <u>kontra dik il-persuna</u> altrimenti persuna milquta b'mandat tkun pprivata mir-rimedju ghall-penali u danni kkontemplati ghal dan in-nuqqas.

Hija opportuna hawnhekk l-osservazzjoni ulterjuri li mandat esekuttiv huwa accessorju ghall-kawza principali, u ghalhekk jista’ jinhareg biss kontra persuna li tkun konvenuta jew kjamata fil-kawza f’ dawk il-proceduri.

Illi ghalhekk taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrenti ezekutata li l-mandat m'ghadux fis-sehh almenu fil-konfront taghha fit-termini **tal-artikolu 836(1)(a) tal-Kap 12.** Kif gja premess din il-qorti gja ddekretat ir-revoka tal-mandat fl-intier tieghu abbazi tal-**artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12** fuq ir-rikors ta' Pasqualino sive Lino Chircop fuq riferit (Rik. 967/2016/LSO).

Ghaldaqstant mhix ser tidhol fil-kwistjoni tal-applikazzjoni *o meno* tas-subartikoli rimanenti tal-art 836 invokati mir-rikorrenti odjerna.

**Penali u Danni**

Ir-rikorrenti qed titlob inoltre l-kundanna tal-intimata ghall-hlas ta' penali u danni *ai termini* tal-**artikolu 843(2) u 836(8)(b)** u **(d)** tal-Kap. 12, ghaliex:-

(i) naqset li tipprezenta l-kawza kontra l-esponenti fiz-zmien li trid il-ligi;
(ii) naqset li tinterpella lill-esponenti fit-terminu ta’ hmistax-il jum qabel gie intavolat il-mandat kif tistabbilixxi l-ligi, u
(iii) it-talba taghha ghall-hrug tal-mandat fic-cirkostanzi fuq spjegati saret b’malizzja u hija wkoll wahda frivola u vessatorja.

**Illi l-Qorti ser tibda billi tezamina l-ahhar zewg ragunijiet maghmula skont l-artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap 12.**

L-**artikolu 836 tal-Kap 12** jipprovdi:

*"Il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn li gejjin:*

*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta` bizzejjed:*

*Izda, d-dispozizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug ta' mandat; .....*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizja, tkun frivola jew vessatorja."*

In linja ta' principju generali, hu pacifiku li l-qorti fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sazzjoni tigi imposta. Erbgha huma c-cirkostanzi elenkati fl-artikolu 836(8) f'dan ir-rigward, u ladarba hemm sanzjoni punittiva ghandhom jitqiesu bhala tassattivi. (ara **"Farrugia vs C&F Building Contracters Ltd**." –P.A. (JRM) – 14 ta' Awwissu 2014, "**Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd"** – P.A.(TM) – 13 ta' Marzu 2003, "**Spiteri vs Darmanin"** – P.A. (JRM) 25 ta' Awwissu 2010).

Illi dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi. Il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz.

Illi fil-kaz **"Paul Attard noe. Vs Loreto Abela"** – P.A. (JRM) – 25 ta' Mejju 2005, inghad hekk:

*"Illi ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin; l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghall-jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli ghall-hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd ("**qui suo jure utitur neminem laedere videtur**"); it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex*

*ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita` gudizzjarja, minflok jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandux jigi mxekkel bla bzonn;*

*"Illi generalment l-abbuz mill-procedura guddizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward inghad li ghalkemm, ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

F'dan il-kuntest, *in linea* ta' principju huwa ritenut ukoll li dak li tukkundanna l-ligi huwa l-abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja. (Ara **Spiteri vs Camilleri** P.A. deciza fl-10 ta' Jannar 1992, u **John Zarb vs Port Cottonera Limited** P.A. deciza fit-18 ta' Settembru 2002).

Hekk ukoll fis-sentenza **"SN Properties Limited vs George Camilleri"** (P.A. (RCP) 6 ta' Gunju 2000) din il-Qorti kif diversament presjeduta sostniet li *"minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess*

*emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana"*.

Applikati dawn il-principjji ghall-kaz in ezami, ghal dak li jirrigwarda s-subinciz (b) ssemma fir-rikors promotur li l-intimata naqset li tinterpella lir-rikorrent fit-terminu stabbilit mil-ligi, qabel ma pprezentat il-mandat. Illi ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar dan mill-intimata ezekutanti, billi dan ma giex oppost fir-risposta taghha. Illi ghalkemm, ma jirrizultax li ntbaghtet l-interpellazzjoni rikjesta mil-ligi hmistax-il gurnata qabel il-prezentata tal-Mandat in kwistjoni, dan mhux necessarjament jiggustifika impozizzjoni ta' penali. Illi dak ikkundannat mil-ligi hu l-abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti hi tal-fehma li ma jezistux cirkostanzi ta' abbuz ta' dritt li jistghu jwasslu ghal din is-sanzjoni punittiva.

Referibbilment ghal dak li jirrigwarda **l-artikolu 836 (8) (d)** ma gietx ippruvata xi forma ta' malizzja jew vessatorjeta`. Illi ghalkemm jigi ribadit, li m'hemmx aktar lok li l-mandat ta' sekwestru numru 1308/16 jibqa' *in vigore* meta kkonsidrat li l-pretensjonijiet tal-intimata huma diga kawtelati, u dan huwa rikonoxxut u applikat bid-Digriet moghti fuq ir-rikors 967/16 surriferit, ma tressqet l-ebda prova li hija agixxiet b'*mala fede* u b'malizzja meta ntavolat il-mandat. Illi l-fatt li l-mandat in kwistjoni gie pprezentat ukoll fil-konfront ta' Anna Chircop, meta hija mhijiex eredi tal-wirt ta' Victor Chircop, jindika li l-intimata ezekutanti agixxiet in eccess biex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha. Izda, ikkunsidrat li, fil-karenza ta' prova konkreta ta' malizzja u vessatorjeta`, dan is-subinciz ma japplikax.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jidhirx li jezistu ebda wahda mic-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 836(8)(b) u (d) li jiggustifikaw l-impozizzjoni ta' penali.

**Art 843(2) tal-Kap 12 - Danni**

Min ma jgibx 'il quddiem l-azzjoni fit-terminu statutorju jista' jkun soggett ghad-danni u interessi. Dan ghaliex il-mandati johorgu fuq ir-responsabbilta' ta' min jitlob il-hrug taghhom, u jkun rikonoxxut li l-otteniment hu wiehed ingust. **(Angela Mifsud v Frank Delia et.** -PA 26.06.1962), ukoll ghaliex, in generali, il-mandati kawtelatorji appunti ghax isiru fi zmien meta l-kreditu jew il-pretensjoni ghad ma jkunux gudizzjarjament accertati u stabbiliti, huma odjuzi u allura d-disposizzjoijiet tal-ligi dwarhom ghandhom jircievu interpretazzjoni rigoruza. (Ara **Avv. Carmelo Scicluna noe v Joseph Fenech noe -** App.Kumm. 08.03.1968).

Gie ritenut ghalhekk li jekk l-ezekutant ma jiddeducix l-azzjoni, tali jikkostitwixxi raguni indipendenti u separata ghas-soggezzjoni ghall-kundanna ghad-danni. (**Ara Joseph Xerri v Walter Bonello noe -** App.Kumm. 16.12.1968). "*Dan ghaliex il-kreditur kien obbligat fit-terminu statutorju wara li jipprezenta l-mandat kawtelatorju illi jiddeduci l-pretensjoni tieghu permezz ta' att ta' citazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti li jirrefletti ezattament il-kawzali tal-istess mandat kawtelatorju." **(ara Paul Abela et v Busietta Gardens Madliena Ltd."** App.06.10.2000).*

Ikkonsidrat li d-dritt ghad-danni huwa regolat ukoll permezz tal-artikolu 836(9) tal-Kap 12. Madanakollu hija gurisprudenza affermata li talba ghad-danni ma tistax tintlaqa' kif maghmula fil-kuntest ta' rikors ghar-revoka ta' mandat billi d-danni ghandhom jintalbu b'azzjoni *ad hoc* b'konsegwenza tal-hrug ta' mandat kawtelatorju. (Ara ad ez. **Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games(Malta)Limited –** PA (JRM) - 27 ta' Awwissu 2008)

Illi huwa minnu li r-rikorrenti ibbazat it-talba taghha fuq l-artikolu 843(2) u mhux l-artikolu 836(9). Izda fil-fehma ta' din il-Qorti dan mhuwiex raguni ghaliex m'ghandhiex tafferma l-istess principji. L-emmendi ghall-artikolu 836 gew introdotti bir-riformi procedurali maghmula fis-sena 1995 (Art XXIV.1995) u fis-subatikolu 836(9) giet kristallizzata l-gurisprudenza antecedenti skont liema t-talba ghad-danni kkagunati bil-hrug ta' mandat kawtelatorju kellha ssir b'citazzjoni. Qabel ma dahlu dawn l-emendi, kien hemm biss l-artikolu 843(2) li kien jistipula l-jedd ghad-danni minnhabba nuqqas ta' prosekuzzjoni tal-kawza.Dan l-artikolu baqa' ma ntmissx (hlief fit-tibdil tat-terminu statutorju) filwaqt li ddahhal is-subartikolu 836(9).

Illi din il-Qorti ma tarax ghalhiex m'ghandhiex tapplika l-istess principji. Il-jedd ghad danni mhuwiex awtomatiku billi l-ligi tissanzjona l-abbuz tad-dritt, u inoltre, aparti l-kwistjoni ta' responsabbilita jenhtieg li jigu ppruvati d-danni subiti - zewg elementi li ma gewx minimament ippruvati fil-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant tqies li din it-talba,anke abbazi tal-artikolu 843(2) ma tistax issir kif hekk maghmula f'rikors ghar-

revoka billi d-danni ghandhom jintalbu b'azzjoni *ad hoc* b'konsegwenza tal-hrug ta' mandat kawtelatorju u ghal din ir-raguni qed tigi michuda.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi filwaqt li taghmel riferenza ghad-digriet taghha tal-lum stess fl-istess ismijiet fejn laqghat it-talba ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1308/16 fl-ismijiet “Josephine sive Joyce Dimech vs Pasqualino sive Lino Chircop u martu Anna Chircop” (Rik. Revoka 967/2016) tilqa' ukoll t-talba odjerna in kwantu dedotta abbazi tal-artikolu **836(1)(a) u 843(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet** ta' **Malta** billi tqies li l-mandat huwa bla effett fil-konfront ta' Anna Chircop u tirrevoka l-istess, filwaqt li tichad it-talbiet rimanenti mressqa ghall-kundanna ta' hlas ta' penali u/jew danni ghar-ragunijiet spjegati.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimata.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**6 ta’ Dicembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**6 ta’ Dicembru 2016**